**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Novembru, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 486/2019 AF**

**Konrad Grech ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta KPMG**

**vs**

**WZB Milenium Sport Holding IV BV socjetà registrata l-Olanda bin-numru ta' registrazzjoni 60804211**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Konrad Grech ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta KPMG, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Id-ditta KPMG minn Marzu 2017 sa April 2018 ssupplixxiet lis-socjetà intimata, servizzi professjonali li jammontaw ghas-somma ta' Ewro 17,147.25 u dan skond statement mahrug mid-ditta KPMG hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Ghalkemm is-socjetà intimata giet debitament interpellata, anki ufficjalment, thallas din is-somma, hija baqghet inadempjenti.

B'hekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-socjetà intimata hija debitrici tad-ditta attrici fis-somma ta' Ewro 17,147.25, rapprezentanti servizzi professjonali lilhom rezi.

2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma ta' Ewro 17,147.25.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Gunju 2018 u tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 2019 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjetà konvenuta mid-data meta gie rez is-servizz li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, s-socjetà intimata minkejja li giet debitament notifikata, baqghet ma ressqet ebda twegiba u b'hekk irrendiet ruhha kontumaci.

Rat li, minkejja li l-istess intimata nghatat l-opportunità li tressaq sottomissjonijiet bil-miktub, dan m'ghamlitux.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi doveruz lil din il-Qorti ttenni l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja f'kawza ma titqiesx bhala ammissjoni tat-talbiet, izda jibqa' jinkombi fuq l-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu.

Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti ssodisfa dan l-oneru sal-grad rikjest mill-ligi kemm bil-konferma bil-gurament ta' Konrad Grech kif ukoll bid-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-socjetà intimata hija debitrici tad-ditta attrici fis-somma ta' Ewro 17,147.25 (sbatax-il elf mija u seba u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu), rapprezentanti servizzi professjonali lilhom rezi;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma ta' Ewro 17,147.25 (sbatax-il elf mija u seba u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn WZB Milenium Sport Holding IV BV.

IMHALLEF

DEP/REG